**MINUTI**

**Minuti tas-46 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju, 2022, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Kunsilliera Marion Parnis
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**46.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**46.1.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Patrick Bugeja u tal-Kunsillier Daniel Farrugia. L-apoloġiji ġew aċċettati unanimament mill-Kunsill.

**46.2** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**46.2.1** Il-Minuti tal-45 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti bħala dokument korrett.

**46.3** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**46.3.1** Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari AKL2022/072 European Week of Regions and Cities fi Brussell mid-9 sal-11 t'Ottubru 2022. Huwa qal li l-korrispondenza bid-dettalji diġa ġiet iċċirkolata lilhom b'email u min hu interessat għandu jinforma l-amministrazzjoni mill-iktar fis possibbli. Il-postijiet huma limitati u fuq bażi first come first served.

**46.3.2** Is-Sindku infurma li waslu żewġ skemi għal finanzjament li huma Skema SPI/SCI/7/2022 – World Cleanup Campaign 2022 li tagħlaq fit-12t'Awissu u Skema SPI/SCI/8/2022 – Finanzjament Milied 2022 li tagħlaq fit-18 t'Awissu. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jieħdu ownership għall-applikazzjonijiet biex immedjatament jibda x-xogħol fuq l-applikazzjoni.

**46.3.3** Is-Sindku qal li bi pjaċir iħabbar li l-proġett GXF/1/048 għar-restawr tal-pittura, Taħt Miżura 1 tal-GAL Xlokk (M19.2) ġie aċċettat, u l-Kunsill ser jibbenefika minn €15,913 għall-implimentazzjoni.

**46.3.4** Is-Sindku rrefera għal progett Erasmus+ bis-suġġett" Europe in the digital age", f'Tessaloniki l-Greċja bejn is-26 ta' Settembru u l-1 t'Ottubru. Is-Sindku qal li ġew identifikati ħames parteċipanti, tnejn żgħażagħ u tlieta adulti. L-ispejjeż huma kollha koperti mill-proġett taħt fondi Ewropej, u l-parteċipanti jridu jħallsu biss €100 kull wieħed bħala ħlas ta' parteċipazzjoni. Is-Sindku propona li dan il-ħlas ikun kopert mill-Kunsill. Il-Kunsillier Charles Żerafa propona li l-Kunsill iħallas biss tal-parteċipanti żgħażagħ. Is-Sindku qal li b'dan il-mod ser jinħoloq preċedent u ma jarax li huwa ġust ġaladarba l-proġett huwa tal-Kunsill. Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament qabel li l-€100 ta' kull parteċipant tkun koperta mill-Kunsill.

**46.3.5** Is-Sindku qal li wara diversi talbiet lill-Kuntrattur tal-knis biex jippreżenta l-kontijiet, ġew riċevuti kontijiet ta' tlettax-il xahar. Is-Sindku qal li kif diġa jafu, kien hemm diversi nuqqasijiet mill-kuntrattur minn dak li hemm speċifikat fil-kuntratt, fosthom li jiġi provdut gps, in-numru tal-ħaddiema u l-kwalita' tas-servizz. Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni kienet tjiebet għal perjodu temporanju meta kien ġie ngaġġat ħaddiem li jagħmel xogħolu sewwa iżda dam għal ftit żmien.

Is-Sindku qal li l-kontijiet jindikaw ukoll numru ta' siegħat li żgur ma ingħatawx u li huwa ferm iktar minn dawk mitluba fil-kuntratt. Is-Sindku propona li jsiru kalkoli tal-ammont dovut skond il-kuntratt, il-kontijiet jiġu riveduti u jerġgħu jittellgħu quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni.

**46.3.6** Is-Sindku rrefera għal-laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn tqajjmu diversi punti fosthom l-għadira quddiem il-barriera fi Triq il-Ġwiewel. Huwa qal li ġiet proposta soluzzjoni biex l-ilma jintefa fil-barriera, permezz ta' katusa minn raba' ta' terzi. Bħala kumpens Infrastructure Malta ser ittella' l-ħajt tas-sejjieħ. Is-Sindku qal li qed isir eżerċizzju biex jinġiebu l-kuntatti tas-sid tal-għalqa in kwistjoni.

**46.3.7** Is-Sindku semma talbiet oħra għal asfaltar ta' toroq li saru fosthom, parti minn ħdejn il-ġibjun, Triq il-Karwija, Sqaq il-Lazzru, Sqaq il-Lhudija, biċċtejn fid-dawra tal-Ħniena u xi partijiet żgħar oħra.

**46.3.8** Is-Sindku qal li s'issa saru diversi laqgħat ta' kortesija mal-Onorevoli Stafan Zrinzo, Miriam Dalli, Owen Bonnici, Tony Bezzina u Alison Zerafa Civelli li kienu produttivi. Is-Sindku qal li l-Kunsill ressaq it-talbiet u diversi issues u jinsab pożittiv li l-Membri Parlamentari joffru l-għajuna tagħhom.

**46.3.9** Is-Sindku qal li nfurmat li l-Mobile App dalwaqt tiġi imnedija. Huwa qal li qed isiru l-aħħar aġġornamenti dwar id-DPO Privacy Policy.

## 46.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 46.5 RAPPORTI

**46.5.1** Is-Sindku preżenta kopja tar-Rapport Annwali tal-Awdituri u l-Unaudited Financial Statements għas-sena finanzjarja 2021. Is-Sindku rringrazzja lill-impjegata Stephania Grixti tax-xogħol siewi li wettqet biex isir l-awditjar anke f'sitwazzjonijiet diffiċli fejn l-amministrazzjoni qegħda b'nuqqas ta' staff. Wara li l-Kunsilliera raw ir-rapporti, is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapporti kif preżentati. Il-Kunsillier Charles Zerafa issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

## 46.6 TRAFFIC CALMING MEASURES FI TRIQ IT-TORRI

**46.6.1** Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera Mario Parnis titkellem fuq il-proposta ta' traffic calming measures. Il-Kunsilliera Parnis qalet li kienet tkellmet ma' residenti ta' Triq it-Torri li kienu favorevoli. Hija qalet li kkunsidrat ukoll il-kwistjoni tal-possibilita' ta' problema bl-ilma tax-xita u proponiet li jsir run-off test, u anka ssuġġeriet li l-humps ma jsirux minn naħa għal oħra tat-triq iżda jitħalla spazju biex joskula l-ilma. Is-Sindku qal li jekk jitħalla spazju xorta jkun hemm sewqan eċċessiv mill-muturi u jispiċċa l-għan tal-calming measure. Is-Sindku propona li l-humps jeħlu ħdejn is-Salvatur, suġġett għal-approvazzjoni minn Transport Malta. Huwa qal li ladarba r-residenti huma favorevoli, il-Kunsill jista' jgħaddi għall-approvazzjoni u ssir l-applikazzjoni neċessarja. Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat. Il-Kunsill unanimament approva.

**46.6.2** Fuq l-istess suġġett, is-Sindku propona li jiġu rranġati l-humps fi Triq Mons. G.Depiro. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**46.7 SITWAZZJONI DWAR L-IMPJIEG TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U CLERK FUQ SKALA 15**

**46.7.1** Is-Sindku nforma li s-sitwazzjoni għal sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv għadha l-istess, cioe li momentarjament ma jistgħux jinħarġu sejħiet.

**46.7.2** Is-Sindku informa li beda l-proċess għall-ingaġġ ta' skrivan fuq skala 15 skond il-leġislazzjoni sussidjarja Kap.363.20, artiklu 14 (3)(b). Huwa qal li wara li jkun hemm approvazzjoni mid-Dipartiment issir sejħa interna bejn il-Kunsilli Lokali. Sadanittant, il-proċess għal sejħa ta' uffiċjal eżekuttiv fuq skala 13 ġiet ikkanċellata.
Is-Sindku informa li s-sitwazzjoni preżenti ta' nuqqas ta' riżorsi umani fl-amministrazzjoni tal-Kunsill issemmiet ma' kull membru parlamentari li l-Kunsill kellu laqgħa miegħu. Huwa semma wkoll is-sitwazzjoni li l-unika impjegata ser toħroġ fuq vacation leave fit-tul, li hu dritt ta' kull impjegat, u qal li bħalissa ma ġiet offruta l-ebda soluzzjoni mid-Dipartiment. F'dan il-każ ma jibqax soluzzjoni oħra ħlief li jitpoġġa avviż u l-uffiċċju jibqa' magħluq.

**46.8 TENDER "SERVIZZ TA' TINDIF U QTUGĦ TAL-ĦAXIX TAT-TOROQ MHUX URBANI" – APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TA' EVALWAZZJONI**

**46.8.1** Is-Sindku informa li t-tender ġiet evalwata. Wara li l-bord evalwa l-offeri mitfugħa, jirrakkomanda l-offerta numru 000170347 għall-ammont ta' €18,000 bħala l-irħas offerta 'fully compliant'. Il-Kunsill unanimament laqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord.

**46.9 RAPPORT TAŻ-ŻJARA ĠEWWA ANDRYCHOW FIL-POLONJA**

**46.9.1** Is-Sindku ta rapport taż-żjara ta' 'networking' fil-Polonja, flimkien mal-Kunsillier Charles Zerafa, fejn kienu preżenti tmien pajjiżi Ewropej. Huwa qal li l-Kunsill irċieva ospitalita' tajba ħafna u rrakkomanda li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi jospita' delegazzjoni bħala turija ta' apprezzament u bħala skambju kulturali. Il-Kunsillier Charles Zerafa propona li tilħaq issir diskussjoni fuq il-materja, kemm biex tiġi stabbilita' data konvenjenti għal kulħadd u anka għal kemm persuni tkun miftuħa l-istedina. Il-Kunsill qabel li l-materja tiġi diskussa 'l quddiem.

**46.10 ŻJARA ĠEWWA IT-TURKIJA – KALEICI OLD TOWN FESTIVAL ANTALYA MURATPASA MUNICIPALITY**

**46.10.1** Is-Sindku rrefera għall-istedina għaż-żjara ġewwa Turkija għal dan l-avveniment fejn ġew mistiedna delegazzjoni Maltija ta' 10 minn nies mid-diversi Reġjuni. Hu qal li l-ispejjeż ser ikunu kollha koperti mill-host, għajr l-ispejjeż tal-ajru u ser ikoprihom ir-Reġjun.

**46.11 IL-KUNĊERT TAL-ALMERE YOUTH SYMPHONY ORCHESTRA GEWWA L-QRENDI**

**46.11.1** Is-Sindku qal li l-kunċert minn tmenin mużiċist Olandiż, kien ta livell għoli ħafna. Huwa qal li minkejja dan, kien diżappuntat bil-konkorrenza fqira u ddispjaċieħ li mill-mistednin kien hemm ħafna li ma attendewx. Is-Sindku qal li l-istess Mużiċisti tellgħu kunċert l-għada fil-barrakka b'bosta mistiedna distinti. Dan jikkonferma l-livell għoli tal-attivita' u qal li hija ħasra li avveniment bħal dan fil-lokalita' ma jkunx apprezzat. Huwa rringrazzja lill kappillan li provda kemm is-sala u anka l-bibita.

**46.12 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti Ref No. 07/22 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**46.13 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**46.13.1** Il-laqgħa intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**46.13.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 t'Awissu 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum l-17 t'Awissu 2022

| | |
|---|---|
| David Schembri MQR | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |